MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 1338/2007

Dottor Kenneth **GRIMA** bħala mandatarju speċjali kif debitament awtorizżat ta' Rajesh Kumar Saraiya passaport Indjan numru G5599926 għan-nom u in rappreżentanza ta' *Ultratest Systems Limited* kumpannija reġistrata l-Ingilterra li għandha n-numru 41132311

vs

**MONET LIMITED** (C-25290), u Peter Mamo u martu Marthese Mamo għal kull interess li jista' jkollha; u Dottor Hugh Peralta li, b'degriet tal-15 ta' Jannar, 2008, ġie nominat bħala Kuratur Deputat sabiex jirrappreżenta lill-assenti Semion Aksendler li għandu passaport Israelit numru 8924112 u passaport Ukrajin numru AC780597

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-21 ta' Diċembru, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur *nomine* talab li din il-Qorti (a) issib li l-firma fl-ittra ta' garanzija tal-15 ta' Novembru, 2001, hija firma falza u saret b'mod kriminuż u b'qerq biex tkun tista' tintuża ħalli jsir qligħ illegali bi ħsara tal-istess attur, u li huwa qatt ma qiegħed dik il-firma fuq l-imsemmi dokument, minkejja li tidher li hija l-firma tiegħu; (b) issib li bl-istess mod, il-firma li tidher fil-minuti tal-laqgħa tal-Bord tad-Diretturi tal-15 ta' Novembru, 2001, tal-kumpannija attriċi Ultratest Systems Limited hija firma falza u saret b'mod kriminuż u b'qerq biex tkun tista' tintuża ħalli jsir qligħ illegali bi ħsara tal-istess attur, u li huwa qatt ma qiegħed dik il-firma fuq l-imsemmi dokument, minkejja li tidher li hija l-firma tiegħu, u li għalhekk huwa ma ntrabat qatt b'dak li jissemma f'dak id-dokument; (ċ) issib li l-kumpannija attriċi ma ntrabtet qatt b'dak li jissemma filminti tal-laqgħa msemmija u lanqas bl-ittra ta' garanzija favur il-kumpannija mħarrka u li "ż-żewġ dokumenti huwa fażull u qatt ma eżista u b'hekk ma jista' jġib l-ebda konsegwenzi negattivi fil-konfront tas-soċjeta' rikorrenti u a favur tal-intimati"; (d) issib li, minħabba l-egħmil kriminali, abbużiv u frawdolenti tal-kumpannija mħarrka, l-kumpannija attriċi ġarrbet danni kbar ħafna konsistenti, fost l-oħrajn, f'telf ta' qligħ u telf ta' xogħol, nefqiet legali għal xogħol ġudizzjarju u extra-ġudizzjarju kemm fl-Ukrajina, fl-Ingilterra u kif ukoll f'Malta, kif għandu jitfisser aħjar waqt is-smigħ tal-kawża; (e) issib li minħabba l-egħmil abbużiv u/jew qarrieqi u/jew kriminuż u/jew negliġenti tal-imħarrek Peter Mamo fil-kwalita' personali tiegħu bħala d-direttur waħdieni tal-kumpannija mħarrka, jaħti għal kummerċ qarrieqi jew frawdolenti għall-finijiet tal-Att tal-1995 dwar il-Kumpanniji, u ssibu personalment responsabbli għall-imsemmija egħmejjel li bihom kiser id-dispożizzjonijiet tal-imsemmija liġi u ġabu danni lill-attur *nomine* u għalhekk issibu responsabbli tal-istess danni flimkien u solidalment mal-kumpannija mħarrka; (f) issib li, f'każ li jirriżulta li l-imħarrek Peter Mamo personalment jaħti għad-danni mġarrba mill-kumpannija attriċi, flimkien mal-kumpannija mħarrka, trid tagħmel tajjeb il-komunjoni tal-akkwisti li teżisti bejn l-imħarrkin Peter u Marthese miżżewġin Mamo; u (ġ)

tillikwida d-danni hekk imġarrbin mill-kumpannija attriċi, jekk meħtieġ billi tqabbad periti għal dan il-għan, u tikkundanna lill-imħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom, biex iħallsu d-danni hekk likwidati. Talab ukoll l-ispejjeż u irriżerva kull azzjoni oħra li jista' jkollu jedd għaliha kontra l-imħarrkin, kemm fl-Ukrajina, fl-Ingilterra u f'Malta biex iħares l-interessi tiegħu;

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' Jannar, 2008, li bih tat ordnijiet lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom u kif ukoll li ssir in-notifika tal-atti tar-Rikors Maħluf lill-imħarrkin;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fit-28 ta' Jannar, 2008, li biha l-Avukat Hugh Peralta għall-imħarrek Semion Aksendler laqa' għall-azzjoni tal-attriċi billi, b'mod preliminari, qal li din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa u l-ġurisdizzjoni li tisma' l-kawża, ladarba l-allegazzjonijiet tal-kumpannija attriċi jinbnew fuq proċeduri li għaddejjin quddiem qorti fl-Ukrajina u għadhom *sub judice*. Kemm hu hekk, l-istess kumpannija attriċi nqdiet bl-allegazzjoni tal-falsita' tad-dokumenti bħala eċċezzjonijiet tagħha quddiem il-qorti Ukrena biex tilqa' għall-azzjoni li saret kontra tagħha mill-kumpannija mħarrka Monet Limited. B'mod preliminari, laqa' wkoll billi qal li, imqar jekk l-allegazzjonijiet dwar il-falsita' tad-dokumenti kienu minnhom, d-dritt li wieħed imexxi kawża għar-responsabbilta' dwar kif saru u d-danni pretiżi minħabba fihom għandu jitmexxa u jitqies bis-saħħa tal-liġijiet proċedurali u sostantivi tal-Ukrajina u mhux b'dawk Maltin. Preliminarjament, laqa' wkoll billi qal li ma kienx il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi, minħabba li hu bl-ebda mod ma jaħti għad-danni li l-atturi jgħidu li ġabitilhom il-kumpannija mħarrka Monet Limited, li l-eċċipjenti u la huwa azzjonist tagħha u lanqas direttur fiha. Fil-mertu, laqa' billi qal li t-talba għall-kundanna tad-danni kontra Monet Limited m'hijiex mistħoqqa minħabba li l-kumpannija mħarrka mxiet mal-liġi u mal-jedd tagħha li tikkawtela jeddijietha bil-ħruġ ta' att ġudizzjarji. Żied jgħid li l-pretensjonijiet attriċi huma għal kollox ivvintati u fittizji, u maħsuba biss biex jippruvaw iġibu fix-xejn il-proċeduri li l-kumpannija mħarrka bdiet kontra l-kumpannija attriċi fl-

Ukrajina u wkoll is-sentenza li l-istess kumpannija mħarrka kisbet favur tagħha fil-qrati ta' dak il-pajjiż. Temm jgħid li l-azzjoni attriċi ma setgħetx issir u hija fiergħa u maħsuba biss biex iddejjaq lill-imħarrkin billi (i) iż-żewġ kawżi mibdija quddiem il-Qorti ta' Kiev, fl-Ukrajina, għadhom ma nqatgħux, u għaliex (ii) kulma qiegħda titlob il-kumpannija attriċi quddiem dik il-Qorti hu t-tħassir tal-mandati kawtelatorji miksuba minn Monet Limited kontra tagħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fis-27 ta' Frar, 2008, li biha l-imħarrek Peter Mamo bħala direttur ta' Monet Limited laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari (i) qajjem il-kwestjoni tas-setgħa u ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti li tisma' u taqta' din il-kawża; u (ii) qajjem ukoll il-kwestjoni li l-liġi li tista' tkun tgħodd għall-każ, m'hijiex dik Maltija, iżda l-liġi tal-Ukrajina. Fil-mertu, laqa' billi qal li l-kumpannija mħarrka mxiet mal-liġi u b'ħarsien ta' jeddijietha meta talbet u kisbet il-ħruġ tal-mandati kawtelatorji quddiem il-Qorti Ukrena u għalhekk it-talba għall-kundanna tad-danni kontra Monet Limited m'hijiex mistħoqqa. Żied jgħid li l-pretensjonijiet attriċi huma għal kollox ivvintati u fittizji, billi la hu ma ffirmax id-dokumenti msemmija mill-atturi u l-kawża tal-lum hija maħsuba biss biex tipprova ġġib fix-xejn il-proċeduri li Monet Limited bdiet kontra l-kumpannija attriċi fl-Ukrajina u wkoll is-sentenza li l-istess Monet Limited kisbet favur tagħha fil-qrati ta' dak il-pajjiż. Qal ukoll li l-azzjoni attriċi ma setgħetx issir u hija fiergħa u maħsuba biss biex iddejjaq lill-imħarrkin billi (i) iż-żewġ kawżi mibdija quddiem il-Qorti ta' Kiev, fl-Ukrajina, għadhom ma nqatgħux, u għaliex (ii) kulma qiegħda titlob il-kumpannija attriċi quddiem dik il-Qorti hu t-tħassir tal-mandati kawtelatorji miksuba minn Monet Limited kontra tagħha. Temm jgħid li li hu ma jaħti xejn għal dak li ġarrbet il-kumpannija attriċi u l-Qorti ma għandhiex tilqa' t-talba attriċi biex tikkundannah iħallas id-danni lill-istess attriċi, liema danni, f'kull każ, dik il-kumpannija trid tippruvahom kif imiss;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrek Peter Mamo fis-27 ta' Marzu, 2008, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, (a) qajjem il-kwestjoni tas-

setgħa u ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti li tisma' u taqta' din il-kawża; u (b) qajjem ukoll il-kwestjoni li l-liġi li tista' tkun tgħodd għall-każ, m'hijiex dik Maltija, iżda l-liġi tal-Ukrajina. Fil-mertu, laqa' billi qal li l-kumpannija attriċi ma jista' jkollha l-ebda azzjoni kontra tiegħu personalment. Huwa ma jistax jitqies responsabbli għad-danni li l-kumpannija attriċi tgħid li ġarrbet ladarba hu, bħala direttur tal-kumpannija mħarrka Monet Limited, kien qiegħed iħares l-interessi tal-istess imsemmija kumpannija u "*qui suo jure utitur non videtur damnum facere*". Ċaħad li l-mandati kawtelatorji miksuba mill-kumpannija mħarrka nkisbu b'qerq jew b'gideb u d-deċiżjoni tal-Qorti Ekonomika ta' Kiev tas-17 ta' Ottubru, 2007, inkisbet wara stħarriġ għaqli tad-dokumenti legali kollha li kellha quddiemha. Żied jgħid li l-pretensjonijiet attriċi huma għal kollox ivvintati u fittizji, u magħmula b'mod ġeneriku maħsub biex b'mod addoċċ tinxteħet ħtija kif ġie ġie fuq l-imħarrkin jew min minnhom. Seħaq li hu ma ffirmax id-dokumenti msemmija mill-atturi, liema dokumenti jġibu l-firem tal-attur *proprio* u ta' wieħed Sanjay Tjagi. Jgħid li l-kawża tal-lum hija maħsuba biss biex tipprova ġġib fix-xejn il-proċeduri li Monet Limited bdiet kontra l-kumpannija attriċi fl-Ukrajina u wkoll is-sentenza li l-istess Monet Limited kisbet favur tagħha fil-qrati ta' dak il-pajjiż. Qal ukoll li hu ma għandu l-ebda relazzjoni ġuridika mal-kumpannija attriċi u li l-passi fl-Ukrajina ttieħdu mill-kumpannija mħarrka Monet Limited u mhux minnu, hekk kif ukoll l-ittra ta' garanzija maħruġa mill-kumpannija attriċi nħarġet favur Monet Limited u mhux favurih. Jgħid ukoll li safejn l-azzjoni attriċi tinbena fuq l-allegazzjonijiet tal-*fraudulent and wrongful trading* maħsuba fl-Att tal-Kumpanniji[1], din ma tiswiex għaliex id-dispożizzjonijiet relativi jgħoddu biss f'każ fejn kumpannija tkun fi proċess ta' stralċ, u, f'dan il-każ, Monet Limited m'hijiex f'qagħda bħal dik. Temm jgħid li hu ma jaħti xejn għal dak li ġarrbet il-kumpannija attriċi u l-Qorti ma għandhiex tilqa' t-talba attriċi biex tikkundannah iħallas id-danni lill-istess attriċi, liema danni, f'kull każ, dik il-kumpannija trid tippruvahom kif imiss;

[1] Artt. 315 u 316 tal-Kap 386

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrka Marthese Mamo fis-27 ta' Marzu, 2008, b'mod preliminari, (a) qajmet il-kwestjoni tas-setgħa u ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti li tisma' u taqta' din il-kawża; (b) qalet li m'hijiex il-kontradittriċi leġittima tal-pretensjonijiet attriċi u talbet li tinħeles milli tibqa' aktar fil-kawża; u (ċ) qajmet ukoll il-kwestjoni li l-liġi li tista' tkun tgħodd għall-każ, m'hijiex dik Maltija, iżda l-liġi tal-Ukrajina. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li l-kumpannija attriċi ma jista' jkollha l-ebda azzjoni kontra tagħha personalment. Hija m'għandhiex titqies responsabbli għad-danni li l-kumpannija attriċi tgħid li ġarrbet ladarba hi la hija azzjonista u lanqas direttur tal-kumpannija mħarrka Monet Limited, u ma kellha l-ebda sehem f'dak li sata' ġara. F'kull każ, meta Monet Limited ħadet il-passi legali biex titlob il-ħruġ ta' mandati kawtelatorji, kienet qiegħda tħares l-interessi tagħha biex tiġbor lura l-flus li kienet silfet u dan skond il-massima "*qui suo jure utitur non videtur damnum facere*" ħadd ma jista' jkun passibbli għad-danni meta jkun qiegħed jindokra d-drittijiet tiegħu. Ċaħdet li l-mandati kawtelatorji miksuba mill-kumpannija mħarrka nkisbu b'qerq jew b'gideb u d-deċiżjoni tal-Qorti Ekonomika ta' Kiev tas-17 ta' Ottubru, 2007, inkisbet wara stħarriġ għaqli tad-dokumenti legali kollha li kellha quddiemha. Żiedet tgħid li l-pretensjonijiet attriċi huma għal kollox ivvintati u fittizji, u magħmula b'mod ġeneriku maħsub biex b'mod addoċċ tinxteħet ħtija kif ġie ġie fuq l-imħarrkin jew min minnhom. Seħqet li la hi u lanqas żewġha ma jaħtu b'xi mod għad-danni pretiżi mill-kumpannija attriċi. Tgħid li l-kawża tal-lum hija maħsuba biss biex tipprova ġġib fix-xejn il-proċeduri li Monet Limited bdiet kontra l-kumpannija attriċi fl-Ukrajina u wkoll is-sentenza li l-istess Monet Limited kisbet favur tagħha fil-qrati ta' dak il-pajjiż. Temmet tgħid li hi ma taħti xejn għal dak li ġarrbet il-kumpannija attriċi u l-Qorti ma għandhiex tilqa' t-talba attriċi biex tikkundannaha jew lill-imħarrek żewġha jħallsu d-danni lill-istess attriċi, liema danni, f'kull każ, dik il-kumpannija trid tippruvahom kif imiss;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta’ Mejju, 2009[2], li bih qiegħdet il-kawża għas-smigħ;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-8 ta’ Lulju, 2009, li bih ordnat li ssir it-trattazzjoni tal-ewwel eċċezzjoni preliminari ta’ kull wieħed mill-erba’ mħarrkin, dwar jekk din il-Qorti għandhiex il-ġurisdizzjoni li tisma’ l-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat difensur tal-imħarrkin dwar l-imsemmija eċċezzjoni;

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta’ Lulju, 2009, li bih tat lill-attur *nomine* żmien biex iressaq Nota ta’ Sottomissjonijiet bi tweġiba għal dik tal-imħarrkin;

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-attur *nomine* fil-31 ta’ Awissu, 2009[3], dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

Rat in-Noti ta’ Replika mressqa mill-imħarrkin fit-28 ta’ Settembru, 2009[4];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta’ danni minħabba ħruġ ta’ mandati kawtelatorji miksuba quddiem qorti ta’ pajjiż ieħor fuq dokumenti li qiegħed ikun allegat li huma foloz. Il-kumpannija attriċi u l-attur *proprio* jgħidu li fi proċedura quddiem qorti fl-Ukrajina, l-kumpannija mħarrka (aktar ’il quddiem imsejħa “Monet”) kisbet favuriha l-ħruġ ta’ mandati kawtelatorji kontihom bis-saħħa ta’ dokumenti li huma jisħqu li għandhom fuqhom firem foloz u ma

[2] Paġ. 55 tal-proċess
[3] Paġġ. 59 sa 64 tal-proċess
[4] Paġġ. 86 sa 127 tal-proċess

jiswewx. Iridu li l-imħarrkin jagħmlu tajjeb għad-danni u l-ispejjeż li ġarrbu minħabba f'hekk;

Illi l-imħarrkin kollha laqgħu għal din l-azzjoni b'bosta eċċezzjonijiet, kemm ta' xejra preliminari u wkoll fil-mertu. Fost l-eċċezzjonijiet preliminari li qajmu l-imħarrkin kollha hekk dik li din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa li tisma' l-kawża l-aktar, għalkemm mhux biss, minħabba li l-kwestjoni bejn il-partijiet tinsab fil-proċeduri li għadhom qegħdin jinstemgħu mill-qorti fl-Ukrajina;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti rilevanti li jinteressaw l-istħarriġ tal-eċċezzjoni taħt eżami tajjeb jingħad li l-partijiet sa issa ma ressqu formalment l-ebda prova, imqar dik dokumentali li hija fundamentali għall-istruzzjoni tal-każ. Minkejja d-degriet tagħha tat-23 ta' Jannar, 2008 (fir-rigward tal-atturi), baqgħu ma tressqu la l-provi dokumentali u lanqas imqar ix-xhieda b'affidavit. Il-verżjonijiet tal-partijiet li jinsabu fl-atti huma dawk li jinsabu fid-dikjarazzjonijiet maħlufa rispettivi u hu fuq dawn li l-Qorti trid toqgħod f'dan il-waqt tal-kawża. Mhux hekk biss, iżda minħabba proċedura oħra anċillari li waslet quddiem din il-Qorti kif presjeduta dwar it-tħassir ta' l-effetti ta' mandat kawtelatorju maħruġ kontra l-imħarrkin Mamo u Monet, din il-Qorti saret taf b'kitba li saret fl-1 ta' Ottubru, 2008, bejn l-attur Saraiya u l-imħarrkin Peter Mamo u Aksendler li biha l-attur *nomine* ntrabat li jċedi din il-kawża minħabba arranġament ta' transazzjoni li l-partijiet jidher li kienu laħqu f'dik il-kitba dwar kull pendenza li kien hemm bejniethom. Minkejja ż-żmien kollu li għadda, l-kawża baqgħet ma ġietx ċeduta;

Illi mill-imsemmija dikjarazzjonijiet joħroġ li l-attur Rajesh Kumar Saraiya jgħix barra minn Malta u huwa wieħed mid-diretturi tal-kumpannija attriċi Ultratest Systems Limited (aktar 'il quddiem imsejħa "USL") li hija inkorporata u reġistrata fir-Renju Unit. Monet hija kumpannija Maltija u l-imħarrek Peter Mamo huwa d-

direttur waħdieni tagħha u wkoll azzjonist fiha. L-imħarrka Marthese Mamo hija mart l-imħarrek Peter Mamo;

Illi l-imħarrek Aksendler għamel xi żmien sieħeb f'xi negozji mal-attur Saraiya, iżda r-rapporti ta' bejniethom jidher li qrasu u spiċċaw tlewmu bejniethom;

Illi fl-10 ta' Ottubru tal-2007, Monet fetħet proċeduri kontra USL quddiem il-Qorti Ekonomika (?) tal-belt ta' Kiev, fl-Ukrajina, biex titlob il-ħruġ kontriha ta' atti kawtelatorji ta' inibizzjoni marbutin ma' pretensjonijiet li Monet kellha dwar self magħmul minnha u li USL iggarantiet il-ħlas tiegħu u biex tikkundanna lill-istess USL għall-ħlas lura ta' somma li kienet ingħatat b'self. Dik il-Qorti laqgħet it-talba ta' Monet għall-ħruġ tal-mandat kawtelatorju;

Illi biex kisbet il-ħruġ tal-imsemmija mandati, Monet straħet fuq kopja ta' kitba ta' garanzija bid-data tal-15 ta' Ottubru, 2001, u kopja ta' minuti ta' laqgħa tal-Bord tad-Diretturi tal-istess USL bl-istess data. Iż-żewġ dokumenti jidhru li saru taħt il-firma ta' Kumar Saraiya. Hu jiċħad li qatt iffirma dokumenti bħal dawn u jgħid li dik li jmissha tkun il-firma tiegħu hija falza u ma saritx minnu;

Illi fil-21 ta' Diċembru, 2007, infetħet din il-kawża;

Illi mill-mod kif inhija mfassla l-eċċezzjoni preliminari ta' kull wieħed mill-imħarrkin f'din il-kawża, joħroġ li l-<u>konsiderazzjonijiet ta' xejra legali</u> marbutin magħha jridu jħarsu lejn il-kwestjoni tas-setgħa ta' din il-Qorti li tisma' l-kawża fid-dawl tal-proċeduri li jista' jkun għad hemm pendenti bejn l-istess partijiet quddiem qorti jew qrati oħrajn f'pajjiżi oħrajn;

Illi meta wieħed iqis sewwa s-sottomissjonijiet kollha tal-imħarrkin dwar din l-eċċezzjoni, wieħed isib li huma bl-ebda mod ma jgħidu li l-kwestjoni li tressqet quddiem din il-Qorti mill-attur *nomine* m'hijiex waħda li din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa li tisma'[5]. Huma jgħidu li, minkejja dik is-setgħa, hija jmissha tieqaf milli twettaqha

[5] Ara §§ 6.2, 6.1, 6.1 tan-Noti ta' Sottomissjonijiet rispettivi tal-imħarrkin, f'paġġ. 91, 101, 112 u 122 tal-proċess

sewwasew minħabba li l-kwestjoni kienet tressqet qabel quddiem qorti ta’ pajjiż ieħor. Kemm hu hekk, ifissru li l-Qorti jmissha tqis il-kwestjoni tal-eċċezzjoni mqajma minnhom “integralment mal-aspett ta’ *lis alibi pendens*”. Fi kliem ieħor, jidher li l-imħarrkin jitkellmu dwar konkorrenza ta’ ġurisdizzjoni aktar milli nuqqas ta’ ġurisdizzjoni;

Illi safejn l-imħarrkin jisħqu dwar ir-rabta ġurisdizzjonali tal-attur Saraiya u USL, u jgħidu li dawn m’għandhom l-ebda rabta ma’ Malta, wieħed irid ifakkar li, minbarra min-natura tal-kwestjoni, ġeneralment il-kwestjoni tal-ġurisdizzjoni ta’ qorti tinbena fuq il-kriterji marbuta mal-parti mħarrka u mhux mal-parti attriċi. Dan jinbena fuq il-massima li “*actor sequitur forum rei*”;

Illi b’mod ġenerali jingħad li s-setgħa li Qorti f’Malta tisma’ kawża titnissel minn dak li jipprovdi l-artikolu 742 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, li jagħti lil-Qrati Maltin is-setgħa li “mingħajr ebda distinzjoni jew privileġġ .. għandhom ġurisdizzjoni biex jisimgħu u jiddeċiedu” l-kawżi kollha li jirrigwardaw il-persuni hemm imsemmija;

Illi dwar il-kwestjoni tal-inkompetenza tal-Qrati ordinarji minħabba deroga maħluqa b’riżultat ta’ kompetenza konkorrenti ta’ xi qorti f’ġurisdizzjoni oħra, il-liġi tal-Proċedura tistabilixxi li l-fatt waħdu li jkun hemm qorti oħra barranija li jkollha ġurisdizzjoni konkorrenti ma jeskludix minn qabel il-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin[6]. Jidher li dak l-artikolu japplika fejn ikun hemm diġa’ kawża dwar l-istess ħaġa jew konnessa magħha li qegħda tinstama’ minn qorti barranija. Jekk ma jkunx hemm kawża bħal dik diġa’ mibdija, jidher li s-setgħa li Qorti Maltija tqis u tisma’ l-kawża tiddependi mill-kriterji li normalment isejsu l-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin skond l-artikolu 742(1) tal-Kap 12;

Illi l-Qorti tqis li, minħabba li l-kwestjoni tal-ġurisdizzjoni hija ta’ siwi kruċjali, kull dispożizzjoni li timmira li twaqqaf

[6] Art. 742(2) tal-Kap 12

l-eżerċizzju minn Qorti tas-setgħat tagħha għandha tingħata tifsira dejqa u preċiża;

Illi meta titqajjem il-kwestjoni tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' xi Qorti f'Malta minħabba s-setgħat ta' xi qorti f'pajjiż ieħor minħabba kawża mressqa hemmhekk, l-effett ta' eċċezzjoni bħal dik ikun jew li teħles lill-imħarrek milli jibqa' iżjed fil-kawża, jew li ttemm il-proċediment jekk ikun jidher lill-Qorti li l-kawża mressqa f'Malta, jekk kellha titkompla, kienet sejra tkun vessatorja, oppressiva jew inġusta għall-parti mħarrka[7]. Iżda dan kollu jiddependi minn jekk il-Qorti tkunx, qabel, waslet għall-fehma li, minkejja tali ġurisdizzjoni ta' qorti oħra, hija xorta waħda għandha s-setgħa li tisma' l-kawża. Normalment fis-sistema proċedurali Malti, l-eċċezzjoni li titlob it-twaqqif ta' smigħ tal-kawża sakemm tinqata' oħra li tkun marbuta magħha hija msejsa fuq dak li jipprovdi l-artikolu 793 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu jitkellem dwar smigħ fl-istess waqt taż-żewġ kawżi li jkun hemm dik ir-rabta bejniethom, fis-sens li l-kawża mressqa t-tieni fuq suġġett marbut ma' kawża mressqa qabilha tinstama' flimkien ma' dik imressqa l-ewwel, taħt il-prinċipju tal-*ius preventionis*;

Illi s-soprasessjoni tista' b'mod eċċezzjonali tingħata meta tali smigh fl-istess waqt taż-żewġ kawżi ma jkunx jista' jsir, iżda, billi hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali li kull kawża għandha tinstama' sakemm tiġi maqtugħa[8], trid tingħata dejjem taħt kundizzjonijiet li għandhom ikunu serji biżżejjed biex dan isir[9]. Kemm hu hekk, ingħad saħansitra f'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali[10], li l-eċċezzjoni tas-soprasessjoni fis-sens li l-Qorti għandha tieqaf milli tkompli tisma' kawża bħala tali, fis-sistema proċedurali tagħna, m'hijiex kontemplata għaliex l-eċċezzjoni li l-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jikkontempla hija l-eċċezzjoni magħrufa bħala *lis alibi pendens* u din l-eċċezzjoni tipprospetta neċessarjament li jkun hemm

---

[7] Ara, Cheshire & North Private International Law (10th Edit) paġġ. 115 – 9 u Fawcett Modern Law Review (Vol XLVII, Lulju1984) "*Lis Alibi Pendens and the Discretion to Stay*", paġġ. 481 – 6

[8] Art. 195(1) tal-Kap 12

[9] App. Ċiv.: **28.10.1935** fil-kawza fl-ismijiet ***Sir Ugo Mifsud noe vs Guido Abela et.*** (Kollez. Vol:**XXIX.i.1295**);

[10] P.A. Kost.: **12.8.1994** fil-kawza fl-ismijiet ***Lawrence Cuschieri vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.171**)

żewġ kawżi għaddejjin fl-istess waqt pendenti quddiem il-qrati li jkollhom l-istess mertu;

Illi huwa minħabba f'hekk li l-Qrati jqisu s-soprasessjoni bħala provvediment ordinatorju mħolli fid-dehen tal-Qorti li quddiemha titressaq talba bħal dik[11]. Provvediment bħal dan huwa meqjus bħala wieħed interlokutorju[12] u, għalhekk, ma jorbotx lill-Qorti li tkun tatu jekk tqum il-ħtieġa li tibdel il-fehma tagħha aktar 'il quddiem, jekk tintwera raġuni tajba biex tagħmel dan;

Illi għalhekk ukoll, il-provvediment tas-soprasessjoni jitqies bħala pass mhux ordinarju li jissospendi s-smigħ ta' kawża, meta n-norma hija, kif ingħad, li kawża li tinbeda għandha tinstama' sa ma tinqata'[13]. Kemm hu hekk, il-provvediment tas-soprasessjoni tqies bħala wieħed "alejatorju"[14] li, minħabba t-termini ebsin tal-Kodiċi Proċedurali dwar is-smigħ tagħhom, jista' jwassal għad-deżerzjoni tal-proċeduri mwaqqfa. Għal bosta snin, il-Qrati tagħna sabu li t-twaqqif ta' smigħ ta' kawża biex tistenna l-eżitu ta' kawża oħra li diġa' tressqet jew sakemm titressaq waħda fuq punt eċċezzjonali huwa rakkomandat biss fil-każ meta jkun hemm lok għas-soluzzjoni ta' xi punt li minnu tabilfors tiddependi l-kawża li sejra titwaqqaf[15];

Illi hawnhekk irid jingħad li l-Qorti tifhem li hemm differenza kbira bejn li wieħed jgħid li Qorti m'għandhiex il-ġurisdizzjoni li tisma' kawża u li wieħed jgħid li għandha tieqaf milli tisma' l-kawża sakemm isiru l-proċeduri quddiem tribunal ieħor li jista' jkollu ġurisdizzjoni wkoll. Dan jingħad għaliex hija l-liġi nnifisha li tgħid li, f'każ bħal dan, il-ġurisdizzjoni tal-Qorti Maltija tibqa' tgħodd;

---

[11] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **23.6.1869** fil-kawża fl-ismijiet ***German et vs Scicluna et*** (Kollez. Vol: **V.157**); P.A. **23.1.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Buġeja vs Żammit*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.197**) u App. Kumm.: **26.3.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Leslie Grech noe vs Dr. Emanuel Buttiġieġ et noe*** (mhix pubblikata)

[12] App. Ċiv. **22.5.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Mallia et vs Beżżina et*** (Kollez. Vol: **LXXIII.ii.338**)

[13] App. Ċiv. **4.11.1957** fil-kawża fl-ismijiet *Cardona vs Pisani* (Kollez. Vol: **XLI.i.547**)

[14] P.A. **23.5.1997** fil-kawża fl-ismijiet *Camilleri noe vs Vassallo Gatt pro et noe* (Kollez. Vol: **LXXXI.iii.83**)

[15] P.A. **12.4.1962** fil-kawża fl-ismijiet *Azzopardi et vs Critien pro et* (Kollez. Vol: **XLVI.ii.591**) u App. Ċiv. **6.10.1999** fil-kawża fl-ismijiet *Grima et vs Frendo et* (Kollez. Vol: **LXXXIII.ii.393**)

Illi l-imħarrkin ma wrewx raġunijiet tajba biżżejjed lil din il-Qorti biex issib li t-tkomplija tas-smigħ tal-kawża f'Malta sejra ġġibilhom tassew ħsara li ma tissewwiex jew toħolqilhom preġudizzju hekk kbir u tqil li jwassalha biex tagħżel li tieqaf tisma' l-kawża. Lanqas ma wrewha li, dwar il-kwestjoni fil-qofol imqajma mill-attur *nomine* (jiġifieri l-kwestjoni tas-siwi tal-kitbiet tal-15 ta' Novembru, 2001), hija m'għandhiex is-setgħa li tistħarreġ jew li tiddeċiedi dwarha. Naturalment, jekk kemm-il darba 'l quddiem sejjer jirriżulta li xi qorti oħra tat il-fehmiet tagħha jew rabtet lill-partijiet b'xi provvediment jew sentenza li tolqot dan l-aspett, din il-Qorti tista' tikkunsidrahom jekk jitressqu quddiemha. Iżda, b'daqshekk biss, ma joħroġx li din il-Qorti titneżża' mis-setgħa tagħha li tisma' u tqis il-kawża;

Illi, fl-aħħarnett, dwar il-qagħda tal-imħarrek Aksendler huwa jqis li l-ebda waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 742(1) ma tgħodd għalih u għalhekk il-Qorti m'għandha l-ebda setgħa jew ġurisdizzjoni fuqu;

Illi mill-atti joħroġ li, meta l-attur *nomine* talab il-ħatra ta' Kuraturi Deputati biex jidhru għall-imsemmi mħarrek, l-Avukat Hugh Peralta aċċetta l-bandu għall-ħatra ta' kuratur deputat. Issa għall-finijiet ta' l-artikoli 742(1)(d) u (e) tal-Kap 12, bi "preżenza" wieħed ma jifhimx biss preżenza attwali u fiżika, imma jinkludi fiha wkoll preżenza permezz ta' persuna rappreżentanti tagħha[16]. Minbarra dan, il-kelma "obbligazzjoni" m'għandhiex titfisser b'mod restrittiv, imma għandha tgħodd għal kull rabta li titnissel *ex lege*, minn kuntratt u saħansitra minn dawk imnisslin *ex delicto*[17];

Illi huwa stabilit ukoll li, biex wieħed iqis jekk il-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin safejn titlob il-preżenza tal-parti mħarrka hijiex radikata, dak li jgħodd huwa l-ħin li fih il-parti mħarrka tkun notifikata bl-atti tal-kawża għaliex hu f'dak il-waqt li l-parti mħarrka tkun issejħet biex tidher

[16] Kumm. **29.5.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Parnis England noe vs England noe*** (Kollez. Vol: **XLIII.iii.856**)
[17] Ara, per eżempju, P.A. **11.1.1918** fil-kawża fl-ismijiet ***G.E.C. vs Page et*** (Kollez. Vol: **XXIII.ii.277**)

quddiem il-Qorti[18]. Il-fatt li l-parti mħarrka kienet laqgħet in-notifika ta' att kawtelatorju qabel infetħet il-kawża ma jsejjisx dak l-element ta' preżenza meħtieġ meta ssir in-notifika tal-atti tal-kawża;

Illi l-Qorti trid tistħarreġ ukoll jekk, safejn il-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin tiddependi mill-preżenza tal-parti mħarrka f'Malta, jistax jingħad li tali preżenza twettqitx bil-ħatra ta' Kuratur Deputat. Dwar dan, il-Qrati tagħna sa minn żmien stabilew li l-ħatra ta' Kuraturi Deputati tagħmel tajjeb għan-nuqqas fiżiku tal-parti debitriċi fil-ġurisdizzjoni[19]. B'dan il-mod, u bil-ħarsien tal-proċedura speċifika li trid il-liġi, il-Kuratur Deputat maħtur minn Qorti fuq talba tal-parti attriċi jieħu fuqu l-personalita' tal-parti mħarrka li tista' tkun mhux magħrufa, inkapaċi jew saħansitra 'l bogħod mill-ġurisdizzjoni waqt iż-żmien li l-kawża tkun qegħda tinstama' jew waqt parti minn dak iż-żmien[20];

Illi għalhekk, lanqas fir-rigward tal-imħarrek Aksendler ma jirriżulta sa dan il-waqt tal-kawża li din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa li taqta' u tiddeċiedi bih ukoll bħala waħda mill-partijiet fil-kawża;

Illi, ma hemmx għalfejn jingħad li l-fatt li l-Qorti tasal biex tgħid li hija għandha s-setgħa li tisma' l-kawża fir-rigward tal-partijiet kollha, ma jfissirx b'daqshekk li kollha huma leġittimati biex iwieġbu għall-pretensjonijiet tal-attur *nomine*. Imma dik hija kwestjoni oħra, u l-eċċezzjonijiet preliminari fir-rigward imqajmin minn uħud mill-imħarrkin ma huma bl-ebda mod mittiefsa biċ-ċaħda ta' din l-eċċezzjoni dwar il-ġurisdizzjoni jew it-twettiq tas-setgħat ta' din il-Qorti li tisma' l-kawża;

Illi, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li saru, l-Qorti tasal għall-fehma li l-eċċezzjoni preliminari m'hijiex tajba;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

---

[18] Kumm. GS **27.2.1975** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Edward Fenech Adami noe vs Dr. Ian Refalo et noe*** (mhix pubblikata)
[19] P.A. **7.6.1926** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech et vs Vigo*** (Kollez. Vol: **XXVI.ii.298**)
[20] Kost. **10.6.1966** fil-kawża fl-ismijiet ***Leone Misrahi et vs Rosaria armla Cassar et*** (Deċiż. Kost., Għ.S.L., 1979, paġġ. 179-180)

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari** ta' kull wieħed u waħda mill-imħarrkin, bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, billi din il-Qorti għandha s-setgħa li tisma' l-kawża minkejja xi proċeduri pendenti bejn il-partijiet quddiem qorti ta' pajjiż ieħor u ma hemmx raġunijiet għaliex ma għandhiex tkompli tisma' l-kawża minkejja dawk l-imsemmija proċeduri;

**Tordna** li jitkompla s-smigħ tal-kawża; u

**Tordna** lill-imħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom, iħallsu l-**ispejjeż** marbuta ma' din is-sentenza.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------